

Brussell, 30 ta' Meju 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0128 (COD)

8856/1/18
REV 1

TRANS 189
CODEC 748

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
Nru. dok. preċ.:	ST 8309/18 TRANS 164 CODEC 626
Nru dok. Cion:	ST 9673/17 TRANS 217 CODEC 928
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaqġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (tfassil mill-ġdid) (Test b'relevanza għaż-ŻEE) - Approċċ ġenerali

1. INTRODUZZJONI

1. Fl-1 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bħala parti mill-hekk imsejjaħ *l-Ewwel Pakkett dwar il-Mobbiltà*.
 - L-oġġettiv ewlieni tal-proposta huwa li jiffaċilita sistemi elettroniċi għall-ġbir ta' pedaqġi tat-toroq li jkunu interoperabbli b'mod wiesgħa fl-Unjoni;
 - Il-Kummissjoni tqis li d-Direttiva fis-seħħ ma laħqitx kompletament l-oġġettivi kollha tagħha, u timmerita revizzjoni;

- Il-Kummissjoni tidentifika ostakli amministrattivi, inkluż speċifikazzjonijiet tekniċi lokali, kopertura ġeografika obbligatorja wiesgħa u servizzi bbażati fuq satellita obbligatorji għal vetturi light duty bħala s-sorsi ewlenin għal kwistjonijiet fis-sitwazzjoni leġislattiva attwali;
 - Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li tiġi stabbilita sistema għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri biex jiġi identifikati sewwieqa li ma jħallsux innollijiet tat-toroq tagħhom;
 - Il-proposta ġiet ippreżentata bl-użu tat-teknika ta' riformulazzjoni.
2. Fit-30 ta' Ġunju 2017, il-Kumitat dwar it-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) tal-Parlament Ewropew ħatar lis-Sur Massimiliano Salini (EPP, IT) bħala rapporteur. Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) adotta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' Marzu 2018. Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) għandu jipprovdi l-opinjoni tiegħu dwar l-użu tat-teknika ta' riformulazzjoni.
 3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-18 ta' Ottubru 2017 u l-Kumitat tar-Regġuni adotta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Frar 2018.
 4. Il-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Olanda, is-Senat tar-Repubblika tal-Italja, is-Senat Rumun, is-Senat Ċek u l-Assemblea Nazzjonali Franċiża adottaw opinjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.
2. **ĦIDMA FIL-KUNSILL**
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-eżami tiegħu tal-proposta fl-1 ta' Ġunju 2017 bi preżentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt ġie studjat fil-21 ta' Ġunju 2017.

6. Matul il-Presidenza Bulgara, il-Grupp ta' Ħidma ddiskuta l-proposta fil-laqgħat tiegħu tat-8 ta' Jannar 2018, is-26 ta' Frar, il-15 ta' Marzu, l-20 ta' Marzu, it-23 ta' April u t-8 ta' Mejju 2018. Waħda mill-isfidi ewlenin tal-fajl kienet li fid-Direttiva jiġu inkorporati l-elementi meqjusa bħala essenzjali fid-*Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE*¹ u partikolarment il-bidliet meħtieġa għal dawk l-elementi. Il-Kumitat dwar il-Pedaġġ Elettroniku² wettaq it-tnejjijiet tekniċi fir-rigward tal-bidliet meħtieġa msemmija. Il-Presidenza żviluppat kompromess bejn id-dispożizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva u s-setgħa tad-definizzjoni tad-dettalji li ngħatat lill-Kummissjoni.
7. L-estensjoni tad-direttiva dwar sistemi elettroniċi dwar taxxi ta' toroq biex tipprevedi l-iskambju ta' informazzjoni dwar sewwieqa li ma jħallsux it-tariffi tat-triq tagħhom ikkostitwixxiet it-tieni tema maġġuri għal ħidma fil-Grupp ta' Ħidma. Minn naħa waħda, is-sistema għandha tkun koerenti mal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-informazzjoni personali. Min-naħa l-oħra, f'ċerti Stati Membri, il-leġislazzjoni nazzjonali ma tippermettix li jingħata segwitu għal ksur mingħajr pass intermedju ta' notifika. Il-Grupp ta' Ħidma sab kompromess li kien fil-parti l-kbira sodisfaċenti fiż-żewġ każijiet.

3. KWISTJONIJIET PENDENTI

8. Il-Grupp ta' Ħidma indirizza fil-parti l-kbira kwistjonijiet tekniċi. Ċerti għażliet ta' politika bażiċi, partikolarment dwar ir-remunerazzjoni, mhumiex kondiviżi bis-sħiħ mill-Istati Membri kollha. Madankollu, il-Presidenza tqis li t-test ta' kompromess attwali jirrappreżenta soluzzjoni bbilanċjata iżda wkoll koerenti għall-kwistjonijiet involuti.

4. KONKLUŻJONI

9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva t-test ta' kompromess b'emendi żgħar fil-25 ta' Mejju 2018 u ddeċieda li jressqu, kif ippreżentat fl-anness għal dan ir-rapport, għal approċċ ġenerali quddiem il-Kunsill TTE (Trasport) fis-7 ta' Ġunju 2018.

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2009 dwar id-definizzjoni tas-Servizz Elettroniku Ewropew tan-Nollijiet u l-elementi tekniċi tiegħu, ĠU L 268, 13.10.2009, p. 11

² Stabbilit skont id-Direttiva 2004/52/KE dwar l-interoperabbiltà ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' ~~u~~ pedaġġ ~~u~~ ~~dwar taxxi tat-toroq~~ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq ~~fil-Komunità~~ fl-Unjoni (tfassil mill-ġdid)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw ~~it-Trattat~~ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ~~it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, u b' mod partikolari l-Artikolu 7 ~~91~~ (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

↓ ġdid

➔ Kunsill

(1) Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ġiet emendata b'mod sostanzjali. Billi jenħtieġ li jsiru iżjed emendi, dik id-Direttiva għandha tiġi mfassla mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

➔ (1a) Jeħtieġ li l-pedaġġi elettroniċi jsiru interoperabbli biex jitnaqqas il-kost u l-piż marbut mal-ħlas ta' pedaqġi fl-Unjoni kollha.

(1aa) In-nuqqas ta' interoperabbiltà hija problema sinifikanti fis-sistemi elettroniċi ta' pedaqġ fejn it-tariffa tat-triq dovuta hija marbuta mad-distanza koperta mill-vettura (pedaqġi bbażati fuq id-distanza) jew ma li vettura tgħaddi minn punt speċifiku (pereżempju cordon pricing). Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rigward l-interoperabbiltà ta' sistemi elettroniċi ta' pedaqġ japplikaw biss għal dawk is-sistemi u ma jenħtieġx li japplikaw għal sistemi fejn it-tariffa tat-triq dovuta hija marbuta mal-ħin li l-vettura tqatta' fuq l-infrastuttura tal-pedaġġ (sistemi bbażati fuq il-ħin, vignettes).

(1ab) L-infurzar transfruntier tal-obbligu li jitħallsu tariffi tat-triq hija problema sinifikanti fit-tipi kollha ta' sistemi, dawk ibbażati fuq id-distanza, dawk ibbażati fuq il-ħin jew fuq cordon, dawk elettroniċi jew manwali. Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rigward l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar każijiet ta' nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq japplikaw għal dawk is-sistemi kollha.

(1ac) Minħabba n-nuqqas tal-klassifikazzjoni konsistenti tagħhom fl-Unjoni kollha, u r-rabta indiretta tagħhom mal-użu tal-infrastruttura, jenħtieġ li t-tariffi ta' parkeġġ jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

¹ Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124).

- (1b) L-interoperabbiltà ta' sistemi elettroniċi ta' pedaġġ teħtieġ livell ta' armonizzazzjoni tat-teknoloġija użata u tal-interfacçi bejn il-kostitwenti tal-interoperabbiltà.
- (1c) Jenħtieġ li l-armonizzazzjoni tat-teknoloġiji u l-interfacçi tkun appoġġata mill-iżvilupp u ż-żamma ta' standards pubbliċi u miftuħa xierqa, disponibbli fuq bażi mhux diskriminatorja lill-fornituri tas-sistema kollha.
- (1d) Għall-fini tal-kopertura, bit-tagħmir abbord tagħhom ("OBE"), it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni meħtieġa, jenħtieġ li fornituri tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku ("EETS") jitħallew jużaw u jikkollegaw ma' sistemi ta' software u hardware oħra li diġà jinsabu fil-vettura bħal sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita jew apparati miżmuma bl-idejn.
- (1e) Jenħtieġ li jittieħed kont tal-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ li qed jiġu applikati attwalment għal vetturi light duty. Peress li attwalment l-ebda sistema elektronika ta' pedaġġ ma tuża pożizzjonament bis-satellita jew komunikazzjoni mobbli, jenħtieġ li l-fornituri tal-EETS jitħallew, għal perijodu ta' żmien limitat, jipprovdu vetturi light duty b'OBE adatt għall-użu mat-teknoloġija 5.8 GHz biss. Din id-deroga jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jimplementaw pedaġġ ibbażat fuq is-satellita għal vetturi light duty.
- (1f) Is-sistemi ta' pedaġġ ibbażati fuq il-qari awtomatiku tan-numru tar-reġistrazzjoni (ANPR) jeħtieġu kontrolli aktar manwali għal transazzjonijiet ta' pedaġġ fl-uffiċċju milli sistemi li jużaw OBE. Sistemi b'OBE huma aktar effiċjenti għal dominiji ta' pedaġġ elettroniku kbar, u sistemi ANPR huma aktar adatti għal dominji żgħar, bħal pedaġġi fl-ibliet, fejn l-użu ta' OBE jiġġenera kostijiet sproporzjonati jew piż amministrattiv. L-ANPR jista' jkun utli meta jiġi kkombinat ma' teknoloġiji oħrajn.
- (1g) B'konsiderazzjoni tal-iżviluppi tekniċi tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq ANPR il-korpi ta' standardizzazzjoni jenħtieġ li jitħeġġu jiddefinixxu r-regoli tekniċi meħtieġa.
- (1h) Jenħtieġ li d-drittijiet u l-obbligi speċifiċi ta' fornituri tal-EETS japplikaw għal kumpanniji li jagħtu prova li ssodisfaw ċerti rekwiżiti u jiksbu reġistrazzjoni bħala fornituri tal-EETS fl-Istat Membru ta' stabbiliment tagħhom.

- (1i) Jenħtieġ li d-drittijiet u l-obbligi tal-atturi tal-EETS ewlenin, jgifieri l-fornituri tal-EETS, il-Kolletturi tal-Pedaġġ u l-utenti tal-EETS, jiġu definiti b'mod ċar biex jiġu żgurati b'mod ġust u effiċjenti l-funzjonijiet tas-suq.
- (1j) Huwa ta' importanza partikolari li jiġu salvagwardati ċerti drittijiet tal-fornituri tal-EETS, bħad-dritt għall-protezzjoni ta' data kummerċjali sensittiva, mingħajr ma jkun hemm impatt negattiv fuq il-kwalità tas-servizzi pprovduti lill-Kolletturi tal-Pedaġġ u l-utenti tal-EETS.
- (1k) Jenħtieġ li l-fornituri tal-EETS ikunu meħtieġa jikkooperaw bis-sħiħ mal-Kolletturi tal-Pedaġġ fl-isforzi ta' infurzar tagħhom, sabiex tiżdied l-effiċjenza ġenerali tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ.
- (1l) Sabiex il-fornituri tal-EETS jitħallew jikkompetu, f'mod mhux diskriminatorju, għall-klijenti kollha f'dominju tal-EETS partikolari, huwa importanti li tingħatalhom kmieni biżżejjed il-possibbiltà li jsiru akkreditati ma' dak id-dominju sabiex ikunu jistgħu joffru servizzi lill-utenti mill-ewwel jum tat-tħaddim tas-sistema ta' pedaġġ.
- (1m) Jenħtieġ li l-Kolletturi tal-Pedaġġ ikunu meħtieġa b'mod espliċitu li jagħtu aċċess għad-dominju tal-EETS tagħhom lil fornituri tal-EETS fuq bażi mhux diskriminatorja.
- (1n) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-aċċess mhux diskriminatorju għal dominji tal-EETS għall-fornituri tal-EETS kollha, il-Kolletturi tal-Pedaġġ jenħtieġ li jkunu meħtieġa jippubblikaw l-informazzjoni neċessarja kollha rigward id-drittijiet ta' aċċess f'dikjarazzjoni ta' dominju tal-EETS.
- (1o) Ir-roħs jew l-iskontijiet fuq in-nollijiet tal-utenti kollha OBE offruti minn Stat Membru jew minn Kollettur tal-Pedaġġ jenħtieġ li jkunu disponibbli taħt l-istess kondizzjonijiet lil klijenti ta' fornituri tal-EETS.
- (1p) Jenħtieġ li l-fornituri tal-EETS ikunu intitolati għal remunerazzjoni ġusta, ikkalkulata abbażi ta' metodoloġija trasparenti u mhux dikriminatorja.
- (1q) Jenħtieġ li l-fornituri tal-EETS ikunu meħtieġa jħallsu lill-Kolletturi tal-Pedaġġ il-pedaġġi kollha dovuti mill-klijenti tagħhom; madankollu jenħtieġ li l-fornituri tal-EETS ma jkunux responsabbli għal nollijiet mhux imħallsa mill-klijenti tagħhom, meta dawn tal-aħħar ikunu mgħammra b'OBE li jkun iddikjarat bħala invalidat lill-Kolletturi tal-Pedaġġ.

- (1r) Meta entità legali li tkun fornitur ta' servizz ta' pedaġġ ikollha rwoli oħra wkoll f'sistema elettronika ta' pedaġġ, jew għandha attivitajiet oħra mhux direttament relatati mal-ġbir elettroniku ta' pedaġġ, jenħtieġ li tkun meħtieġa żżomm rekords ta' kontabbiltà li jippermettu li ssir distinzjoni ċara tal-kostijiet u d-dħul relatati mal-forniment ta' servizz ta' pedaġġ mill-kostijiet u d-dħul relatati ma' attivitajiet oħra, u tipprovdi informazzjoni dwar dawk il-kostijiet u d-dħul relatati mal-forniment ta' servizz ta' pedaġġ lill-Bord ta' Konċiljazzjoni jew il-korp ġudizzjarju rilevanti. Sussidji inkroċjati bejn dawk l-attivitajiet differenti jenħtieġ li jiġu esklużi.
- (1s) Jenħtieġ li l-utenti jkollhom il-possibbiltà li jabbonaw għal EETS permezz ta' kwalunkwe fornitur tal-EETS, irrISPettivament miċ-ċittadinanza, l-Istat Membru ta' residenza jew l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tal-vettura.
- (1t) Sabiex jiġu evitati pagament doppju u tingħata ċertezza legali lill-utenti, il-pagament ta' pedaġġ lil fornitur tal-EETS jenħtieġ li jitqies bħala li jissodisfa l-obbligi tal-utent lejn il-Kollektur tal-Pedaġġ rilevanti.
- (1u) Il-Korpi ta' Konċiljazzjoni jenħtieġ jingħataw is-setgħa li jivverifikaw li l-kondizzjonijiet kuntrattwali imposti fuq kwalunkwe fornitur tal-EETS mhumiex diskriminatorji. B'mod partikolari, jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jivverifikaw li r-remunerazzjoni offruta mill-Kollekturi tal-Pedaġġ lill-fornituri tal-EETS tirrispetta l-prinċipji ta' din id-Direttiva.
- (1v) Id-data dwar it-traffiku tal-utenti tal-EETS tikkostitwixxi kontribut essenzjali għat-titjib tal-politiki dwar it-trasport tal-Istati Membri. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jitolbu tali data mill-fornituri tal-EETS għall-fini ta' tfassil ta' politiki dwar it-traffiku u t-titjib tal-ġestjoni tat-traffiku jew għal użu mhux kummerċjali ieħor mill-Istat, f'konformità ma' regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.
- (1w) Jeħtieġ li jiġi definit qafas għall-proċeduri għall-akkreditazzjoni ta' fornituri tal-EETS għal dominju ta' pedaġġ, li jiżgura aċċess ġust għas-suq filwaqt li jiġi salvagwardat il-livell korrett tas-servizz.

(1x) Il-proċeduri li jirregolaw il-valutazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà tal-EETS jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-użu tal-moduli koperti bid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Safejn ikun possibbli u sabiex jiġi promoss l-iżvilupp industrijali, huwa xieraq li jitfasslu proċeduri li jinvolvu sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Dawk il-proċeduri jenħtieġ li jippermettu lill-korpi notifikati jivvalutaw il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà tal-EETS biex ikunu ċerti li fid-disinn, il-konstruzzjoni, it-tqegħid fis-servizz u waqt l-operazzjoni, ir-risultat ikun konformi mar-regolamenti u d-dispożizzjonijiet tekniċi u operazzjonali fis-seħħ. Il-korpi notifikati jenħtieġ li jikkoordinaw id-deċiżjonijiet tagħhom kemm jista' jkun mill-qrib.

(1z) Sabiex jiġi żgurat aċċess faċli għall-informazzjoni mill-atturi tas-suq tal-EETS, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jikkompilaw u jipubblikaw id-data importanti kollha rigward l-EETS f'reġistri nazzjonali disponibbli pubblikament.

(1za) Għal raġunijiet ta' progress teknoloġiku, huwa importanti li Kolletturi tal-Pedaġġ ikollhom il-possibbiltà li jittestjaw teknoloġiji jew kunċetti ġodda ta' pedaġġi. Tali testijiet madankollu jenħtieġ li jkunu limitati, u l-fornituri tal-EETS ma jenħtieġu ikunu meħtieġa jieħdu sehem fihom sakemm ma jkunx essenzjali għall-ittestjar tas-sistema pilota tal-pedaġġi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li ma tawtorizzax tali testijiet jekk dawn jistgħu jkunu ta' preġudizzju għall-funzjonament korrett tas-sistema elettronika ta' pedaġġ regolari. ◀

¹ Deċiżjoni Nru 768/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 1 (adattat)

~~Bir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar l-iżvilupp tat-telematika dwar it-trasport fit-toroq, partikolarment dwar il-ġbir ta' ħlasijiet elettronikament (ĠHE)¹, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġija ta' konverġenza ta' sistemi ta' ĠHE biex jinkiseb livell xieraq ta' interoperabilità fuq livell Ewropew. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi interoperabbli ta' ġbir ta' taxxi elettronikament fl-Ewropa kien l-ewwel stadju ta' din l-istrateġija.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 2 (adattat)

~~Il-maġġoranza ta' Stati Membri li stallaw sistemi elettroniċi għall-ġbir tat-taxxi dwar l-użu tat-toroq biex jiffinanzjaw l-ispejjeż għall-infrastruttura tat-toroq jew biex jiġbru t-taxxi għall-użu tat-toroq (hawn iżjed "il-quddiem flimkien jissejħu "sistemi elettroniċi għal ġbir ta' taxxi dwar l-użu tat-toroq") jużaw teknoloġija ta' microwave b'distanza qasira u frekwenzi qrib il-5,8 GHz, iżda dawn is-sistemi bħalissa mhumiex totalment kompatibbli. Ix-xogħol fuq it-teknoloġija tal-microwave imwettaq mill-Kumitat Ewropew dwar Standardizzazzjoni (CEN) irriżulta f'Jannar 2003 fit-tnejn ta' standards tekniċi li jwasslu għal kompatibilità ta' sistemi elettroniċi ta' microwaves ta' 5,8 GHz għall-ġbir ta' taxxi tat-toroq, wara li ġew adottati pre-standards fl-1997. Madankollu, dawn il-pre-standards ma jkoprux is-sistemi kollha ta' komunikazzjonijiet ta' distanza qasira dedikati (DSRC) ta' 5,8 GHz li jthaddmu fil-Komunità u jħaddnu żewġ varjanti li mhumiex kompatibbli għal kollox. Huma bażati fuq il-mudell ta' sistemi ta' interkonnessioni miftuħa imfissra mill-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar Standardizzazzjoni għal komunikazzjoni bejn sistemi ta' kompjuter.~~

¹ ~~ĠU C 194, 25.06.1997, p. 5.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premessa 3 (adattat)

~~Fabbrikanti ta' tagħmir u amministraturi ta' l-infrastruttura b'danakollu ftiehmu, fi ħdan il-Komunità, li jiżviluppaw prodotti interoperabbli bażati fuq sistemi eżistenti ta' DSRC ta 5,8 GHz. It tagħmir li jeħtieġ li jkun disponibbli għal dawk li jużawh għandu skond dan ikun kapaċi li jikkomunika mat-teknoloġiji li jistgħu jintużaw biss f'sistemi elettroniċi ġodda għall-ġbir ta' taxxi tat-toroq li għandhom jiġu użati fil-Komunità wara l-1 ta' Jannar 2007, jiġifieri teknoloġija ta' posizzjonar bis-satellita, teknoloġija ta' komunikazzjoni mobbli li tuża l-istandard GSM-GPRS u teknoloġija ta' microwave b' 5,8 GHz.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premessa 4 (adattat)

~~Hu essenzjali li x-xogħol ta' standardizzazzjoni jintemm kemm jista' jkun malajr biex jiġu stabbiliti standards tekniċi li jiżguraw kompatibbiltà teknika fost is-sistemi elettroniċi għall-ġbir ta' taxxi għall-użu tat-toroq bażati fuq teknoloġija ta' microwave b'5,8GHz u fuq teknoloġiji ta' posizzjonar bis-satelliti u komunikazzjonijiet mobbli, biex tiġi evitata aktar frammentazzjoni tas-suq.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premessa 5 (adattat)
↻ Kunsill

↻ [...] ↻

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premessa 6
↻ Kunsill

↻ [...] ↻

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 7

~~Fid-dħul tas-sistemi elettroniċi ġodda għall-ġbir tat-taxxi għall-użu tat-toroq, għandu jkun hemm tagħmir disponibbli biżżejjed biex tiġi evitata diskriminazzjoni bejn l-intrapriżi konċernati.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 8

~~B' mod partikolari, m'ħabba l-flessibilità u l-versatilità kbira tagħhom, l-applikazzjoni tat-teknoloġiji ġodda dwar posizzjonar bis-satelliti (GNSS) u komunikazzjonijiet mobbli (GSM/GPRS) għal sistemi elettroniċi dwar ġbir tat-taxxi għall-użu tat-toroq jistgħu iservu biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-politika ġdida dwar il-ħlasijiet ta' taxxi għall-użu tat-toroq ippjanati fuq livelli ta' Komunità u ta' Stati Membri. Dawn it-teknoloġiji jagħmluha possibbli li n-numru ta' kilometri koperti għal kull kategorija ta' toroq jiġu magħduda mingħajr il-bżonn ta' investiment li jiswa l-flus fl-infrastruttura. Dawn ukoll jifih u l-bieb għal servizzi oħra dwar sigurtà u informazzjoni għal vjaġġaturi, bħal ma hu l-allarm awtomatiku li jaħdem minn vettura involuta f-xi aċċident u jindika l-pożizzjoni tagħha, u informazzjoni fil-ħin veru dwar kondizzjonijiet ta' traffiku, livelli ta' traffiku u ħinijiet tal-vjaġġi.~~

~~Dwar il-posizzjonar bis-satellita, il-proġett Galileo llanċjat mill-Komunità fl-2002 hu maħsub biex jipprovdi, mill-2008, servizzi ta' informazzjoni ta' kwalità aħjar minn dik provduta bis-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita tal-lum u li huma l-aħjar għal servizzi telematiċi tat-toroq. Is-sistema prekursora Ewropea dwar servizzi ġeostazzjonarji ta' navigazzjoni overlay (EGNOS) tkun diġà qed titħaddem fl-2004, u tkun tagħti l-istess riżultati. Madankollu, dawn is-sistemi ġodda jistgħu jsohloqu problemi ta' kredibilità f'dawk li huma kontrolli u prevenzjoni ta' frodi. Madankollu, m'ħabba l-vantaġġi konsiderevoli msemmija hawn fuq, l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ta' posizzjonar bis-satellita u komunikazzjonijiet mobbli hi fil-prinċipju rakkomandabbli fid-dħul ta' sistemi elettroniċi ġodda għall-ġbir tat-taxxi għall-użu tat-toroq.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 9 (adattat)

⇒ Kunsill

⇒ [...] ⇐

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 10 (adattat)

⇒ Kunsill

⇒ [...] ⇐

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 11

~~Is-sewwieqa huma leġittimament interessati li jaraw tiġib ta' kwalità tas-servizz fl-infrastruttura tat-toroq, speċjalment fi ġranet ta' attività kbira u f'erti postijiet b'konġestjoni partikolari ta' traffiku fin-network tat-toroq. It-tifsira tas-servizz elettroniku Ewropew dwar it-taxxa tat-toroq għandha bżonn tindirizza dak l-interess. Barra dan għandu wkoll isir provvediment li jiżgura li t-teknoloġiji u komponenti li hemm maħsub għalihom ikunu jistgħu, safejn ikun teknoloġikament possibbli, jingħaqdu ma' komponenti ta' vetturi oħra, b'mod partikolari l-kapaċitajiet tat-takografu elettroniku u tas-sejħiet ta' emerġenza. Sistemi intermodali m'għandhomx jitħallew barra fi stadju aktar tard~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 12

~~L-għażla li wieħed ikollu aċċess għal applikazzjonijiet oħra tal-futur minbarra l-ġbir tat-taxxa tat-toroq għandha tiġi żgurata billi jitwawwal tagħmir xieraq~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 13
↻ Kunsill

↻ [...] ↻

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 14
↻ Kunsill


↻ [...] ↻


↓ ġdid
↻ Kunsill


↻ [...] ↻


↻ [...] ↻


(10) ↻ [...] ↻ Fil-futur, il-potenzjal ↻ għall-applikazzjoni ta' teknoloġiji emerġenti oħra ↻
↻ [...] ↻ għall-pedaġġ elettroniku ↻ [...] ↻ ↻ jistħoqqlu li jiġi esplorat ↻ , wara
valutazzjoni bir-reqqa tal-ispejjeż, tal-benefiċċji, tal-ostakli tekniċi u s-soluzzjonijiet
possibbli għalihom. ↻ Huwa importanti li jiġu implimentati miżuri għall-protezzjoni ta'
investimenti eżistenti fit-teknoloġija 5.8 GHz mill-influwenza negattiva ta' teknoloġiji
oħra. ↻

➔ (10a) Mingħajr preġudizzju għall-għajnuna mill-Istat u l-liġi tal-kompetizzjoni, l-Istati Membri għandhom jitħallew jiżviluppaw arranġamenti biex jippromwovu l-ġbir u l-fatturar elettroniku tal-pedaġġ. 

➔ [...] 

➔ [...] 

(13) Il-problemi fl-identifikazzjoni ta' trasgressuri mhux residenti tas-sistemi elettroniċi ta' pedagaġ ifixklu l-introduzzjoni ulterjuri ta' sistemi bħal dawn u applikazzjoni aktar estiża tal-prinċipji ta' "l-utent iħallas" u "min iniġġes iħallas" fit-toroq tal-Unjoni, ➔ u għalhekk jeħtieġ li jinstab mod kif jiġu identifikati persuni simili u tiġi pproċessata d-data personali tagħhom. 

(14) Għal raġunijiet ta' konsistenza u l-użu effiċjenti tar-riżorsi, is-sistema għall-iskambju tal-informazzjoni dwar dawk li ma jħallsux tariffa tat-triq, ➔ u dwar il-vetturi tagħhom,  jenħtieġ li tuża l-istess għodod bħas-sistema li tintuża għall-iskambju ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq stipulati fid-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9).

➤ (14a) F'ċerti Stati Membri, nuqqas li titħallas tariffa tat-triq hija stabbilita biss ladarba l-obbligu tal-ħlas ta' tariffa tat-triq tkun ġiet notifikata lill-utent. Peress li din id-Direttiva ma tarmonizzax il-liġijiet nazzjonali f'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw din id-Direttiva biex jiġu identifikati utenti u vetturi għall-fini ta' notifika. Madankollu, tali applikazzjoni estiża għandha tiġi permessa biss jekk jiġu sodisfatti ċerti kondizzjonijiet. ◀

➤ [...] ▶

(16) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni u d-data meħtieġa sabiex jiġu evalwati l-effikaċja u l-effiċjenza tas-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni dwar dawk li jonqsu milli jħallsu tariffa tat-triq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun obbligata tevalwa d-data u l-informazzjoni miksuba, u biex tipproponi, jekk meħtieġ, emendi għal-leġiżlazzjoni. ➤ Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt ta' tali emendi fuq is-suq tal-forniment ta' EETS, inkluż dominji tal-EETS zġħar u remoti, u tipproponi miżuri ulterjuri jekk meħtieġ. ▶

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 15

~~Sistemi elettroniċi għal għbir ta' taxxi għall-użu tat-toroq jikkontribwixxu sostanzjalment għat-tnaqqis ta' riskji fa' aċċidenti, u għalhekk ikatru s-sigurtà fit-toroq, u għal tnaqqis fin-numru ta' transazzjonijiet ta' flus u għal tnaqqis ta' konġestjonijiet f'ċentri fejn jinġabru t-taxxi tat-toroq, speċjalment fi-ġranet ta' attività kbira. Inaqqsu wkoll l-impatt ambjentali negattiv ta' stennija u startjar mill-ġdid ta' vetturi u ta' konġestjoni, kif ukoll l-impatt ambjentali relatat ma' l-istallazzjoni ta' xabriet ġodda fejn titħallas it-taxxa tat-toroq jew mat-tkabbir ta' stazzjonijiet li fihom tinġabar it-taxxa tat-toroq.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 16 (adattat)

~~Il-White Paper dwar il-Politika Ewropea dwar Trasport għas-sena 2000 fiha l-għanijiet tas-sigurtà u l-fluwidità tat-traffiku fit-toroq. Servizzi u sistemi intelliġenti u interoperabbili ta' trasport huma għodda ewlenija fil-kisba ta' dawn l-għanijiet.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 17 (adattat)

⇒ Kunsill

- (17) L- ⇒ infurzar tal-obbligu tal-ħlas ta' tariffi tat-triq, l-identifikazzjoni tal-vettura u tas-sid jew id-detentur tal-vettura li għaliha ġie stabbilit nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq u l-ġbir tal-informazzjoni dwar l-utent għall-fini tal-iżgurar tal-konformità tal-Kollettur tal-Pedaġġi mal-obbligi tiegħu lejn l-awtoritajiet tat-taxxa ~~...~~ ⇒ [...] ~~...~~ jinvolve l-proċessar ta' informazzjoni personali. Proċessar bħal dan għandu jitwettaq skond regoli ~~tal-Komunità~~ ~~tal-Unjoni~~ ~~tal-Komunità~~ ~~tal-Unjoni~~, kif preskritti, *inter alia*, ~~fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward tal-proċessar ta' informazzjoni personali u tal-moviment ħieles ta' informazzjoni bħal din~~¹ fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², fid-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ~~ta' l-12 ta' Lulju 2002 dwar il-proċessar ta' informazzjoni personali u l-ħarsien ta' privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika~~⁴. Id-dritt għall-ħarsien ta' ~~informazzjoni~~ ~~data~~ personali hu rikonoxxut espliċitament bl-Artikolu 8 tal-Karta dwar Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

¹ ~~OJ L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, ta' 31.10.2003, p. 1).~~

² Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

³ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

⁴ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 18

~~Tnaqqis awtomatiku ta' taxxi għall-użu tat-toroq minn kontijiet f'banek jew minn kontijiet ta' kreditu/debitu domiċiljati fejn ikun, fil-Komunità u lil hinn minnha, isir bil-kondizzjoni li jkun hemm żona għall-ħlasijiet tal-Komunità li taħdem kif jixraq bi-ħlasijiet għal-servizzi li ma jkunux diskriminatorji.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 19

~~Sistemi elettroniċi għall-ġbir ta' taxxi tat-toroq li jitqiegħdu f'posthom fl-Istati Membri għandhom iħarsu l-kriterji fundamentali li ġejjin: is-sistema trid tkun tista' tippermetti l-inkorporazzjoni ta' titjib u żviluppi teknoloġiċi tal-futur mingħajr il-bżonn li jiswa ħafna flus tat-tneħħija ta' mudelli u metodi qodma, l-ispejjeż ta' l-adozzjoni tagħha minn dawk li jużaw it-toroq kummerċjalment u privatament għandhom ikunu insinifikanti meta paragonati mal-benefiċċji għal dawk li jużaw it-toroq kif ukoll għas-soċjetà in ġenerali, u l-implimentazzjoni tagħha fl-kull Stat Membru ma tridx diskrimina fl-ebda aspett tagħha bejn dawk tal-post li jużaw it-toroq u dawk minn Stati Membri oħra.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 20 (adattat)

~~Darba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi għall-ġbir ta' taxxi għall-użu tat-toroq fis-suq intern u l-introduzzjoni ta' servizz elettroniku Ewropew għall-ġbir ta' taxxi ta' toroq li jkopri n-network ta' toroq kollha tal-Komunità li fuqhom titħallas taxxa, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba d-dimensjoni Ewropea tagħhom, jintlaħqu aħjar fuq livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tieħu miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif preskritt fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità kif preskritt f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 21 (adattat)

~~Wieħed irid ukoll jaħseb għall-inklużjoni ta' partijiet interessati (bħal-operaturi tas-servizz tal-ġbir tat-taxxa, amministraturi ta' l-infrastruttura, l-industrija ta' l-elettronika u tal-karrozzi u dawk li jużaw it-toroq) fil-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-aspetti tekniċi u kontrattwali fil-ħolqien ta' servizz elettroniku Ewropew għall-ġbir tat-taxxa tat-toroq. Meta xieraq, il-Kummissjoni għandha wkoll tikkonsulta ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jkunu attivi fil-qasam tal-ħarsien tal-privatezza, tas-sigurtà fit-toroq u ta' l-ambjent.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 22 (adattat)

~~Biex jiġi stabbilit is-servizz elettroniku Ewropew għall-ġbir tat-taxxi tat-toroq għandu l-ewwel ikun hemm il-ħtieġa li jiġi stabbiliti linji ta' gwida li għandhom jiġi stabbiliti mill-Kumitat dwar il-Ġbir tat-Taxxi tat-Toroq Elettronikament stabbilit b'din id-Direttiva.~~

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 23

(18) Din id-Direttiva ma taffettwax il-libertà tal-Istati Membri li jippreskrivu regoli dwar hłasijiet għall-infrastruttura tat-toroq u kwistjonijiet ta' tassazzjoni.

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50,
premissa 24

~~Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni¹.~~

¹ ~~ĠU L 184, tas-17.07.1999, p. 23.~~

↓ ġdid

➔ Kunsill

(19) Sabiex ➔ [...] ➡ jiġi ffaċilitat l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar ➔ il-vetturi u s-sidien jew id-detenturi ta' vetturi li fir-rigward tagħhom kien hemm ➡ nuqqas ta' ħlas tat-tariffi tat-triq, jenħteġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ➔ [...] ➡ ➔ tal-adattament tal-Anness II għall-bidliet fil-leġislazzjoni tal-Unjoni ➡ . Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

➔ (19a) L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva teħtieġ kondizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u amministrattivi għall-iżvilupp, fl-Istati Membri, ta' proċeduri u interfaċċi bejn l-atturi tal-EETS, sabiex tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà u jiġi żgurat li s-swieq nazzjonali tal-ġbir tat-tariffi jkunu rregolati minn regoli ekwivalenti. Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u biex jiġu definiti dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u amministrattivi, għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². ➡

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

² Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

- (21) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun bla preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness V, Parti B.
- (22) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50
(adattat)
⇒ ġdid
☉ Kunsill

ADOTTAW DIN ID-DIRETIVA:

☉ KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI ☉

Artikolu 1

~~Cham~~ ☒ **Suġġett** ☒ **u kamp tal-applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tippreskrivi l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi għall-ġbir ☒ tal-pedaġġi ☒ ~~tat-taxxi dwar l-użu tat-toroq~~ fil-Komunità dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ ⇒ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transkonfinali ta' ☉ data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u s-sidien jew id-detenturi ta' vetturi li għalihom kien hemm ☉ nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq ☉ ~~fil-Komunità~~ ☒ fl-Unjoni ☒. Tapplika għal ☉ [...] ☉ kull tip ta' ☒ pedaġġ ☒ ~~taxxa dwar l-użu tat-toroq~~, fin-network kollu tat-toroq ~~fil-Komunità~~ ☒ fl-Unjoni ☒, fl-ibliet u bejn l-ibliet, l-awtostradi, toroq prinċipali u żgħar, u strutturi diversi bħal mini, pontijiet u postijiet fejn isiru s-servizzi tal-laneċ.

⇒ Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda minn Stati Membri li jimponu tariffi fuq tipi ta' vetturi partikolari, sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' dawk it-tariffi u l-għan li għalih jiġu imposti dawn it-tariffi. ⇐

2. ➔ [...] ➔ ➔ L-Artikoli 3 sa 4p ➔ ma japplikawx għal:

(a) sistemi ta' ġbir ☒ tal-pedaġġi ☒ ➔ [...] ➔ ta' taxxi għall-użu tat-toroq li ➔ mhumiex elettroniċi fit-tifsira tal-Artikolu 2(d) ➔ ;

~~(b) sistemi elettroniċi għal ġbir ta' taxxi għall-użu tat-toroq li m'għandhomx bżonn l-installazzjoni ta' tagħmir fuq il-post.~~

~~(e)~~ sistemi żgħar, strettament għall-ġbir ☒ tal-pedaġġi lokali ☒ ta' taxxi lokali dwar l-użu tat-toroq li għalihom l-ispejjeż biex ikunu konformi mal-ħtiġijiet ➔ [...] ➔ ta' ➔ l-Artikoli 3 sa 4p ➔ ma jkunux fi proporzjon għall-benefiċċji;

➔ [...] ➔

➔ 2a. Din id-Direttiva ma tapplikax għat-tariffi għall-parking. ➔

3. ~~Biex jinkiseb l-għan preskritt fil-paragrafu 1~~ tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-ġbir tal-pedaġġi fl-Unjoni , għandu jinħoloq servizz elettroniku Ewropew dwar ġbir ta' taxxi għall-użu tat-toroq għandu jinkiseb permezz tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS) li għandu ~~Dan is-servizz, li~~ jikkumplimenta s-servizzi elettroniċi nazzjonali ~~dwar il-ġbir ta' taxxi ta' toroq ta' l-~~ ta' pedaġġ tal- ISTATI Membri, għandu jżgura l-interoperabilità fil-Komunità kollha, għal dawk li jużaw is-sistemi elettroniċi għall-ġbir ta' taxxi ta' toroq li jkunu diġà ġew introdotti fl-ISTATI Membri u għal dawk li għad jiddaħħlu fil-futur fil-qafas ta' din id-Direttiva.

➔ 4. Fejn il-liġi nazzjonali titlob notifika lill-utent tal-obbligu tiegħu li jħallas qabel ma jkun jista jiġi stabbilit nuqqas ta' ħlas, l-ISTATI Membri jistgħu japplikaw ukoll din id-Direttiva biex jidentifika is-sid jew id-detentur tal-vettura fejn ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(b) ma jkun hemm l-ebda mezz ieħor kif jiġi identifikat is-sid jew id-detentur tal-vettura, u

(c) in-notifika lill-utent jew id-detentur tal-vettura dwar l-obbligu ta' ħlas hi stadju obligatorju tal-proċedura ta' ħlas ta' tariffa għat-toroq skont il-liġi nazzjonali.

5. Fejn l-Istat Membru jkun għażel li japplika l-paragrafu 4, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jżgura li kull proċeduri li jsegwu b'rabta mal-obbligu ta' ħlas ta' tariffa għat-toroq bħalissa jsiru esklużivament mill-awtoritajiet pubbliċi. Referenzi għan-nuqqas ta' ħlas ta' tariffa għat-toroq f'din id-Direttiva għandhom jinkludu każijiet koperti mill-paragrafu 4 fejn l-Istat Membru fejn iseħħ in-nuqqas ta' ħlas japplika dak il-paragrafu. ◀

↵ ġdid

➔ Kunsill

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(a) ➡ [...] Ⓞ ➡ "servizz ta' pedaqġ" tfisser is-servizz li permezz tiegħu l-utenti li għandhom kuntratt wieħed u, fejn meħtieġ, sett wieħed ta' tagħmir ta' abbord (OBE) jkunu jistgħu jużaw vettura f'dominju tal-EETS jew iktar. Dan jinkludi partikolarment:

- fejn meħtieġ, l-għoti ta' OBE apposta lill-utenti u ż-żamma tal-funzjonalità tiegħu;

- li jiġi garantit li l-Kollettur tal-Pedaġġ jitħallas il-pedaġġ dovut mill-utent;

- li jiġi pprovdut il-mezz ta' ħlas lill-utent jew li jiġi aċċettat dak attwali;

- il-ġbir tal-pedaġġ mingħand l-utent;

- il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijent mal-utent;

- l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u privatezza għas-sistemi ta' pedaqġ u l-konformità magħhom. Ⓞ

- ☞ (aa) "fornitur tas-servizz ta' pedaġġ" tfisser entità legali li tipprovdi servizzi ta' pedaġġ f'dominju tal-EETS jew aktar għal klassi waħda jew aktar ta' vetturi; ☞
- (b) "Kollettur tal-Pedaġġ" tfisser entità pubblika jew privata li timponi ☞ [...] ☞ ☞ pedaġġi ☞ għaċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi f'dominju tal- ☞ [...] ☞ ☞ EETS ☞
3. Fejn tinholq sistema elettronika ta' pedaġġ ġdida fit-territorju ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-Kollettur tal-Pedaġġ futur responsabbli għas-sistema jistabbilixxi u jippubblika fid-dikjarazzjoni tad-dominju tal-EETS l-ippjanar dettaljat tal-proċess ta' valutazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u tal-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà, li jippermetti l-akkreditazzjoni tal-fornituri tal-EETS interessati mhux aktar tard minn xahar qabel it-tnedija operazzjonali tas-sistema l-ġdida.

Fejn sistema elettronika ta' pedaġġ ġdida fit-territorju ta' Stat Membru tkun modifikata sostanzjalment, dak l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-Kollettur tal-Pedaġġ responsabbli għas-sistema jistabbilixxi u jippubblika fid-dikjarazzjoni tad-dominju, flimkien mal-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ippjanar dettaljat tal-valutazzjoni mill-ġdid tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u tal-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà tal-fornituri tal-EETS diġà akkreditati fis-sistema qabel il-modifika sostanzjali tagħha. L-ippjanar għandu jippermetti akkreditazzjoni mill-ġdid tal-fornituri tal-EETS ikkonċernati mhux aktar tard minn xahar qabel it-tnedija operazzjonali tas-sistema modifikata.

Il-Kollettur tal-Pedaġġ għandu jkun marbut li jirrispetta n-naħa tiegħu ta' dak l-ippjanar.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kull Kollettur tal-Pedaġġ responsabbli għal dominju tal-EETS fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jistabbilixxi ambjent ta' test li fih il-fornitur tal-EETS jew ir-rappreżentanti awtorizzati tiegħu jistgħu jivverifikaw li l-OBE tiegħu huwa adattat għall-użu fid-dominju tal-EETS tal-Kollettur tal-Pedaġġ u jikseb ċertifikazzjoni tat-tlestija b'suċċess tat-testijiet rispettivi.
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu lill-Kolletturi tal-Pedaġġ jistabbilixxu ambjent ta' test uniku għal aktar minn dominju tal-EETS wieħed, u biex jippermettu lil rappreżentant awtorizzat wieħed jivverifika jekk huwiex adattat l-użu ta' tip wieħed ta' OBE f'isem aktar minn fornitur tal-EETS wieħed.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu lill-Kolletturi tal-Pedaġġ jitolbu lill-fornituri tal-EETS jew lir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom biex ikopru l-ispiża tat-testijiet rispettivi.

6. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jostakolaw it-tqegħid fis-sug ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà għall-użu fl-EETS meta dawn ikollhom il-marka KE jew dikjarazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u/jew l-idoneità għall-użu.
Partikolarment, m'għandhomx jitolbu verifiki li diġà jkunu twettqu bħala parti mill-proċedura għall-verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u/jew l-idoneità għall-użu.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, sa mhux aktar tard minn [6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], biex tistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali għal kostitwenti tal-interoperabbiltà, inkluż rigward sigurtà u saħħa, affidabbiltà u disponibbiltà, protezzjoni ambjentali, kompatibilità teknika, sigurtà u privatezza u kompatibilità ma' kostitwenti oħra tal-interoperabbiltà fil-qafas tal-proċessi tal-ġbir tal-pedaġġ u l-EETS.
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11a(2).

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, sa mhux aktar tard minn [6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], li jistabbilixxu l-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Istati Membri għall-valutazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà, inkluż il-kontenut u l-format tad-dikjarazzjoni tal-KE.

KAPITOLU V

KLAWŻOLI TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 4k

Proċedura ta' salvagwardja

1. Meta Stat Membru jkollu raġuni biex jemmen li kostitwenti tal-interoperabbiltà li jkollhom il-marka KE u li tqiegħdu fis-suq x'aktarx li meta jintużaw kif suppost ma jissodisfawx ir-rekwiżiti essenzjali, huwa għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jirrestrinġi l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, jipprojbixxi l-użu tagħhom jew jirtirahom mis-suq. L-Istat Membru għandu minnufih jinforma lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda u jagħti r-raġunijiet għad-deċizzjoni tiegħu, u jiddikjara partikolarment jekk in-nuqqas fil-konformità huwiex dovut għal:
 - (a) applikazzjoni mhux korretta tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;
 - (b) inadegwatezza tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.
2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istat Membru kkonċernat, il-manifattur, il-fornitur tal-EETS jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom stabbiliti fl-Unjoni kemm jista' jkun malajr. Fejn, wara dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni tistabbilixxi li:
 - (a) il-miżura hija ġustifikata, hija għandha minnufih tinforma lill-Istat Membru kkonċernat kif ukoll lill-Istati Membri l-oħra.
 - (b) il-miżura mhix ġustifikata, hija għandha minnufih tinforma lill-Istat Membru kkonċernat, kif ukoll lill-manifattur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fl-Unjoni u lill-Istati Membri l-oħra.
3. Fejn kostitwenti tal-interoperabbiltà li jkollhom il-marka KE ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà, l-Istat Membru kompetenti għandu jitlob lill-manifattur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fl-Unjoni sabiex jistabbilixxi mill-ġdid il-kostitwenti tal-interoperabbiltà għal stat ta' konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u/jew l-idoneità għall-użu skont il-kondizzjonijiet stabbiliti minn dak l-Istat Membru u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istat Membri l-oħra dwar dan.

Artikolu 4l

Trasparenza tal-valutazzjonijiet tal-konformità

Kwalunkwe deċiżjoni meħuda minn Stat Membru jew Kollettur tal-Pedaġġ dwar il-valutazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet jew l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà u kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 4k għandhom jistabbilixxu fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata. Din għandha tkun innotifikata kemm jista' jkun malajr lill-manifattur, il-fornitur tal-EETS jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom li jkunu kkonċernati, flimkien ma' indikazzjoni tar-rimedji disponibbli skont il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat u tal-limiti ta' żmien permessi għall-eżerċizzju ta' tali rimedji.

KAPITOLU VI

ARRANĠAMENTI AMMINISTRATIVI

Artikolu 4la

Uffiċċju ta' kuntatt uniku

Kull Stat Membru b'mill-inqas żewġ dominji tal-EETS fit-territorju tiegħu għandu jinnomina uffiċċju ta' kuntatt uniku għall-fornituri tal-EETS. L-Istat Membru għandu jagħmel pubbliċi d-dettalji ta' kuntatt ta' dan l-uffiċċju, u jipprovdihom, fuq talba, lill-fornituri interessati tal-EETS. Huwa għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li, fuq talba tal-fornitur tal-EETS, l-uffiċċju ta' kuntatt jiffaċilita u jikkordina kuntatti amministrattivi bikrija bejn il-fornitur tal-EETS u l-Kolletturi tal-Pedaġġ responsabbli għad-dominji tal-EETS fit-territorju tal-Istat Membru. L-uffiċċju ta' kuntatt jista' jkun persuna fiżika, korp pubbliku jew privat.

Artikolu 4m

Korpi notifikati

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kull korp intitolat biex iwettaq jew jissorvelja l-proċedura għall-valutazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet jew l-idoneità għall-użu msemmija fl-att imsemmi fl-Artikolu 4j(8), filwaqt li jindikaw il-qasam tal-kompetenza ta' kull entità, u n-numri tal-identifikazzjoni miksuba minn qabel mingħand il-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea l-lista tal-korpi, in-numru tal-identifikazzjoni u l-oqsma tal-kompetenza tagħhom, u għandha żżomm il-lista aġġornata
2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kriterji previsti fl-att imsemmi fil-paragrafu 5 għall-valutazzjoni tal-korpi li għandhom jiġu notifikati. Il-korpi li jissodisfaw il-kriterji tal-valutazzjoni previsti fl-istandards rilevanti Ewropej għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kriterji msemmija.

3. Stat Membru għandu jirtira l-approvazzjoni minn korp li ma jibqax jissodisfa l-kriterji previsti fl-att imsemmi fil-paragrafu 5. Huwa għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.
4. Jekk Stat Membru jew il-Kummissjoni jidhrilhom li korp notifikat minn Stat Membru ieħor ma jissodisfax il-kriterji previsti fl-att imsemmi fil-paragrafu 5, il-kwistjoni għandha titressaq quddiem il-Kumitat tal-Pedaġġ Elettroniku, li għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien tliet xhur. Fid-dawl tal-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru li nnotifika lill-korp inkwistjoni bi kwalunkwe tibdila meħtieġa biex il-korp notifikat ikun jista' jżomm l-istatus li jkun ingħatalu.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, sa mhux aktar tard minn [6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], li jstabbilixxu l-kriterji minimi ta' eliġibiltà għall-korpi notifikati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11a(2).

Artikolu 4n

Grupp ta' Koordinazzjoni

Grupp ta' Koordinazzjoni tal-korpi notifikati skont l-Artikolu 4m(1) (il-"Grupp ta' Koordinazzjoni") għandu jiġi stabbilit bħala grupp ta' ħidma tal-Kumitat tal-Pedaġġ Elettroniku, skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat.

Artikolu 4o

Reġistri

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, kull Stat Membru għandu jżomm reġistru elettroniku nazzjonali ta' dan li ġej:
 - (a) id-dominji tal-EETS fit-territorju tiegħu, fosthom informazzjoni b'rabta ma':

- (i) il-Kolletturi tal-Pedaġġ korrispondenti;
 - (ii) it-teknoloġiji tal-pedaġġ użati;
 - (iii) id-Data dwar il-Kuntest tal-Pedaġġ;
 - (iv) id-dikjarazzjoni tad-dominju tal-EETS; u
 - (v) il-fornituri tal-EETS li għandhom kuntratti tal-EETS mal-Kolletturi tal-Pedaġġ attivi fiż-żona ta' kompetenza tagħhom.
- (b) il-Fornituri tal-EETS lil min ikun irreġistra skont l-Artikolu 4

Ir-reġistru għandu jkun fih ukoll il-konklużjonijiet tal-awditu msemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 4. Stat Membru ma għandux jinżamm responsabbli għall-azzjonijiet tal-Fornituri tal-EETS msemmija fir-reġistru tiegħu.

2. Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-dejta kollha li tinsab fir-reġistru elettroniku nazzjonali tinżamm aġġornata u preċiża.

3. Ir-reġistri għandhom ikunu elettronikament aċċessibbli għall-pubbliku.

4. Dawn ir-reġistri għandhom ikunu disponibbli fi żmien [30 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, sa mhux aktar tard minn [6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], li jstabbilixxu l-modalitajiet għall-aġġornament, il-verifika u l-kondiviżjoni mal-Kummissjoni u Stati Membri oħra tal-kontenut tar-reġistri elettroniċi nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11a(2).

KAPITOLU VII

SISTEMI PILOTA

Artikolu 4p

Sistemi pilota tal-pedaġġ

1. Sabiex jippermettu l-iżvilupp tekniku tal-EETS, l-Istati Membri jistgħu jħaddmu b'mod temporanju, f'partijiet limitati tad-dominju tagħhom tal-EETS u flimkien mas-sistema tal-ilmenti tal-EETS, sistemi pilota tal-pedaġġ li jkun fihom teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jikkonformawx ma' dispożizzjoni waħda jew aktar ta' din d-Direttiva.
3. Il-fornituri tal-EETS m'għandhomx ikunu meħtieġa jipparteċipaw f'sistemi pilota tal-pedaġġ, sakemm ma jkunx essenzjali għall-ittestjar tas-sistema pilota tal-pedaġġ.
4. Qabel ma tibda sistema pilota tal-pedaġġ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni jew tirrifjutaha, f'għamla ta' Deċiżjoni, fi żmien 6 xhur mill-mument li tkun irċeviet it-talba. Il-Kummissjoni tista' tirrifjuta l-awtorizzazzjoni jekk il-pilota jista' jippreġudika l-funzjonament korrett tas-sistema elettronika ta' pedaġġ regolari jew tal-EETS. Il-perijodu inizjali ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet ma għandux jaqbeż it-tliet snin.

KAPITOLU VIII

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI DWAR IN-NUOQAS TA' ĦLAS TA' TARIFFI TAT-TRIQ



- ↓ ġdid
- ☛ Kunsill

Artikolu 5

Proċedura għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri

1. ☛ Sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati l-vettura u s-sid jew id-detentur tal-vettura li għaliha ġie stabbilit li ma sarx il-ħlas ta' tariffa tat-triq, kull ☛ Stat Membru għandu jagħti lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħra, aċċess għad-data nazzjonali li ġejja dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, bis-setgħa li jwettqu tiftix awtomatizzat dwarhom:
 - (a) data relatata mal-vetturi; kif ukoll
 - (b) data relatata mas-sidien jew mad-detenturi tal-vettura.

L-elementi tad-data msemmija fil-punti (a) u (b) u li huma meħtieġa biex isir tiftix awtomatizzat għandhom ikunu konformi mal-Anness II.

2. Għall-finijiet tal-iskambju ta' data msemmi fil-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jaħtar punt ta' kuntatt nazzjonali. ➔ L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri jsir biss bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali. ⬅
Is-setgħat tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom ikunu rregolati bil-liġi applikabbli tal-Istat Membru kkonċernat.
3. Meta jsir tiftix awtomatizzat fl-għamla ta' talba maħruġa, il-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq għandu juża n-numru ta' reġistrazzjoni kollu kemm hu.

Dawn it-tiftixiet awtomatizzati għandhom isiru f'konformità mal-proċeduri msemmija fil-punti 2 u 3 tal-Kapitolu 3 tal-Anness tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI¹ u mar-
rekwiżiti tal-Anness II ta' din id-Direttiva.

L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas tal-ħlas ta' tariffa tat-triq għandu juża d-data miksuba sabiex jiġi stabbilit min hu responsabbli għan-nuqqas ta' ħlas ta' din it-tariffa.

¹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċizzjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa [...] biex ikun żgurat li l-iskambju ta' informazzjoni jsir [...] bl-użu tal-applikazzjoni tas-software tas-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (Eucaris) u l-verżjonijiet emendati ta' dan is-software, f'konformità mal-Anness II ta' din id-Direttiva u mal-punti 2 u 3 tal-Kapitolu 3 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI
5. Kull Stat Membru għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu stess li jirriżultaw mill-amministrazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni tal-applikazzjonijiet tas-software imsemmija fil-paragrafu 4.

Artikolu 6

Ittra ta' informazzjoni dwar nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq

1. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq għandu jiddeċiedi jekk għandux jibda proċedimenti ta' segwitu f'dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq.

F'każ li l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq jiddeċiedi li jibda tali proċedimenti, f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu, dak l-Istat Membru għandu jinforma lis-sid, lid-detentur tal-vettura jew alternattivament lill-persuna identifikata ssuspettata li naqset milli tħallas it-tariffa tat-triq. Din l-informazzjoni għandha, skont kif ikun applikabbli taħt il-liġi nazzjonali, tinkludi l-konsegwenzi legali tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru fejn kien hemm nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru.

2. Meta tintbagħat l-ittra ta' informazzjoni lis-sid [...] jew lid-detentur tal-vettura jew alternattivament lill-persuna identifikata ssuspettata li naqset milli tħallas it-tariffa tat-triq, l-Istat Membru fejn seħħ in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq għandu, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, jinkludi kwalunkwe informazzjoni rilevanti, partikolarment dwar in-natura ta' dan in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq, il-post, id-data u l-ħin tan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq, it-titolu tat-testi tal-liġi nazzjonali li tagħhom ikun sar ksur u sanzjoni u, fejn xieraq, id-data li tikkonċerna t-tagħmir li ntuża fl-osservazzjoni [...] tan-nuqqas. Għal dak l-għan, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq jista' juża l-mudell stabbilit fl-Anness III.

3. F'każ li l-Istat Membru fejn li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq jiddeċiedi li jibda proċedimenti ta' segwitu fir-rigward tan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq, dan għandu, bil-għan li jiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati, jibgħat l-ittra ta' informazzjoni bil-lingwa tad-dokument ta' reġistrazzjoni tal-vettura, fejn disponibbli, jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

Artikolu 7

Rappurtar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni

Kull Stat Membru għandu jibgħat rapport komprensiv lill-Kummissjoni sa [4 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull [...] erba' snin wara dan.

Ir-rapport komprensiv għandu jindika n-numru ta' tiftixiet awtomatizzati li jkunu saru mill-Istat Membru li fih seħħ in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq indirizzat lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, wara li seħħ in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq fit-territorju tiegħu, flimkien [...] ma n-numru ta' talbiet li ma rnexxewx.

Ir-rapport komprensiv għandu jinkludi wkoll deskrizzjoni tas-sitwazzjoni fil-livell nazzjonali b'rabta mas-segwitu li jikkonċerna nuqqasijiet ta' ħlas tat-tariffi tat-triq, abbażi tal-proporzjon ta' tali nuqqasijiet ta' ħlas tat-tariffi tat-triq li ngħataw segwitu b'ittri ta' informazzjoni.

Artikolu 8

Protezzjoni tad-data

1. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jittrasponu d-Direttivi [2002/58/KE](#) u [\(UE\) 2016/680](#) għandhom japplikaw għad-data personali pproċessata skont din id-Direttiva.
 2. L-Istati Membri għandhom [jiegħdu l-miżuri neċessarji biex](#) [jiżguraw li d-data personali pproċessata skont din id-Direttiva jkun, f'perijodu ta' żmien xieraq, rettifikati jekk ma jkunux preċiżi, jew imħassra jew ristretti, u li jiġi stabbilit limitu ta' żmien għall-ħżin tad-data skont ir-Regolament \(UE\) 2016/679 u l-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva \(UE\) 2016/680.](#)
- L-Istati Membri għandhom [jiegħdu l-miżuri neċessarji biex](#) [jiżguraw li d-data personali](#) [\[...\]](#) [proċessata taħt din id-Direttiva tintuża](#) [\[...\]](#) [għall-](#) [\[...\]](#) [finijiet ta'](#):
- [\(a\) identifikazzjoni ta' awturi suspettati ta' reati fid-dawl tal-obbligu li jiġihallu t-tariffi tat-triq fl-ambitu tal-Artikolu 4a\(12\);](#)
 - [\(b\) żgurar tal-konformità tal-Kollettur tal-Pedaġġ fir-rigward tal-obbligi tiegħu lejn l-awtoritajiet tat-taxxa fl-ambitu tal-Artikolu 4a\(13\); u](#)
 - [\(c\) identifikazzjoni tal-vettura u s-sid jew id-detentur tal-vettura li għaliha ġie stabbilit in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq fl-ambitu tal-Artikoli 5 u 6.](#)

☞ L-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll il-miżuri neċessarji biex jiżguraw ☹ li s-suġġetti tad-data għandu jkollhom l-istess drittijiet għall-informazzjoni, l-aċċess, ir-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, kif ukoll id-dritt għall-kumpens u rimedju ġudizzjarju kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679 u għal-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2016/680.

☞ 2.a Dan l-Artikolu m'għandux jaffettwa l-possibbiltà li l-Istati Membri jirrestrinġu l-ambitu tal-obbligi u d-drittijiet previsti f'ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 skont l-Artikolu 23 ta' dak ir-Regolament għall-finijiet elenkati fl-ewwel paragrafu ta' dak l-Artikolu. ☹

3. Kwalunkwe persuna kkonċernata għandu jkollha d-dritt li tikseb informazzjoni dwar liema data personali rreġistrata fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tkun ġiet trasmessa lill-Istat Membru fejn kien hemm nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq, inkluża d-data tat-talba u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kien hemm nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq.

➤ KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI ◀

Artikolu 9

Rapport

➤ [...] ◀

➤ 1. Sa [4 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-avvanzi u l-użu tal-EETS u l-effikaċja u l-effiċjenza tal-mekkaniżmu għall-iskambju tad-data fil-qafas tal-investigazzjoni talkażijiet ta' nuqqas ta' ħlas tat-tariffi tat-triq. Ir-rapport għandu janalizza b'mod partikolari dan li ġej:

(a) l-effett tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4a(1) u (2) fuq l-użu tal-EETS, b'attenzjoni partikolari għad-disponibbiltà tas-servizz f'dominji żgħar jew periferiċi tal-EETS;

(b) l-effikaċja tal-Artikoli 5 u 6 dwar it-tnaqqis fin-numru ta' nuqqasijiet ta' ħlas tat-tariffi tat-triq fl-Unjoni.

2 Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex din id-Direttiva tkompli tiġi riveduta, partikolarment b'rabta mal-elementi li ġejjin:

- (a) miżuri addizzjonali biex jiġi żgurat li l-EETS ikun disponibbli fid-dominji kollha tal-EETS inkluż dawk żgħar u periferiċi.
- (b) miżuri biex ikompli jiġi ffaċilitat l-infurzar transkonfinali tal-ħlas tat-tariffi tat-triq fl-Unjoni. ☹

Artikolu 10

Atti delegati

☞ [...] ☹

☞ Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 11, li jaġġornaw l-Anness II biex iqisu kwalunkwe emendi rilevanti li jistgħu jsiru lid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI jew fejn dan ikun meħtieġ minn atti rilevanti oħra tal-Unjoni. ☹

Artikolu 11

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottat atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 10 għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin [...] mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix estensjoni bħal din mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

↓ 219/2009 Art. 1 u Anness 7(7)

☉ Kunsill

~~Artikolu 5~~

~~Proċedura tal-Kumitat~~

~~1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna minn Kumitat dwar Ġbir Elettroniku tat-Taxxa tat-Toroq.~~

~~2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 taġġha.~~

☉ Artikolu 11a

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni ser tiġi assistita mill-Kumitat tal-Pedaġġ Elettroniku. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. ☉

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50
(adattat)
↻ Kunsill

Artikolu 6 12

~~Implimentazzjoni~~ ☒ ~~Traspożizzjoni~~ ☒

↻ [...] ⌂

1 L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa [30 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' *din id-Direttiva*], il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-Artikoli 1 u 3 sa 8 u l-Annessi II u III. Għandhom mill-ewwel jikkomunikaw it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [30 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' *din id-Direttiva*].

Meta Stati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal *din id-Direttiva* jew għandu jkun hemm magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-Direttiva mħassra b'*din id-Direttiva* għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal *din id-Direttiva*. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir *din ir-referenza* u kif tiġi mfassla t-tali dikjarazzjoni .

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam li tkopri *din id-Direttiva*. ⌂

↻ [...] ⌂

↓ ġdid

Artikolu 13

Tħassir

Id-Direttiva 2004/52/KE hi mħassra bis-seħħ minn [jum wara d-data fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1)], mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva stabbilita fl-Anness IV, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehm bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50
(adattat)

Artikolu ~~7~~ 14

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-~~20~~ ☒ għoxrin ☒ jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 8 15

Destinatarji

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

↓ Rettifika, ĠU L 200, 7.6.2004, p. 50
(adattat)
↻ Kunsill

↻ [...] ↻

↓ ġdid
↻ Kunsill

ANNEXS II

Elementi tad-data meħtieġa biex iseħħ it-tiftix awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu ↻ 5 ↻ (1)

Entrata	M/F ¹	Rimarki
Data relatata mal-vettura	M	
Stat Membru tar-reġistrazzjoni	M	
Numru tar-reġistrazzjoni	M	(A ²)
Data dwar nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq	M	
Stat Membru li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq	M	
Data ta' referenza ☞ [...] ☞ ☞ tal-każ ☞	M	
Ħin ta' referenza ☞ [...] ☞ ☞ tal-każ ☞	M	

¹ M = mandatorju meta jkun disponibbli fir-reġistru nazzjonali, F = fakultattiv.

² Kodiċi armonizzati, ara d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).

ELEMENTI TAD-DATA PPROVDUTI BĦALA RIŻULTAT TAT-TIFTIX AWTOMATIZZAT MAGĦMUL SKONT

L-ARTIKOLU [...] 5 (1)

Parti I. Data relatata mal-vetturi

Entrata	M/F ¹	Rimarki
Numru tar-reġistrazzjoni	M	
Numru tax-chassis/VIN	M	
Stat Membru tar-reġistrazzjoni	M	
Il-Marka	M	(D.1 ²) eż. Ford, Opel, Renault
Deskrizzjoni kummerċjali tal-vettura	M	(D.3) eż. Focus, Astra, Megane
Kodiċi tal-Kategorija tal-UE	M	(J) eż. motorini, muturi, karozzi
Klassi ta' emissjonijiet EURO	M	eż. Euro 4, EURO 6

Parti II. Data relatata mas-sidien jew detenturi tal-vetturi

Entrata	M/F ³	Rimarki
Data relatata mad-detenturi tal-vettura		(C.1 ⁴) Id-data tirreferi għad-detentur taċ-ċertifikat speċifiku tar-reġistrazzjoni.
Isem id-detenturi tar-reġistrazzjoni (kumpanija)	M	(C.1.1) Għandhom jintużaw taqsimiet separati għall-kunjom, l-infissi, it-titli, eċċ., u għandu jiġi komunikat l-isem f'format li jista' jiġi stampat.

¹ M = mandatorju meta jkun disponibbli fir-reġistru nazzjonali, F = fakultattiv.

² Kodiċi armonizzat, ara d-Direttiva 1999/37/KE.

³ M = mandatorju meta jkun disponibbli fir-reġistru nazzjonali, F = fakultattiv.

⁴ Kodiċi armonizzat, ara d-Direttiva 1999/37/KE.

Isem	M	(C.1.2) Għandhom jintużaw taqsimiet separati għall-ewwel isem (ismijiet) u l-inizjali, u għandu jiġi komunikat l-isem f'format li jista' jiġi stampat.
Indirizz	M	(C.1.3) Għandhom jintużaw taqsimiet separati għat-Triq, in-Numru tad-dar u l-Anness, il-Kodiċi postali, il-Post ta' residenza, il-Pajjiż ta' residenza, eċċ., u għandu jiġi komunikat l-indirizz f'format li jista' jiġi stampat.
Sess	F	Raġel, mara
Data tat-twelid	M	
Entità ġuridika	M	Individwu, assoċjazzjoni, kumpanija, ditta, eċċ.
Post tat-twelid	F	
Numru tal-karta tal-identità	F	Identifikatur li jidentifika b'mod uniku lill-persuna jew lill-kumpanija.
Data relatata mas-sidien tal-vettura		(C.2) Id-data tirreferi għas-sid tal-vettura.
L-isem tas-sid (kumpanija)	M	(C.2.1)
Isem	M	(C.2.2)
Indirizz	M	(C.2.3)
Sess	F	Raġel, mara
Data tat-twelid	M	
Entità ġuridika	M	Individwu, assoċjazzjoni, kumpanija, ditta, eċċ.

Post tat-twelid	F	
Numru tal-karta tal-identità	F	Identifikatur li jidentifika b'mod uniku lill-persuna jew lill-kumpanija.
		Fil-każ ta' vetturi għall-iskrapp, vetturi jew pjanċi tar-reġistrazzjoni misruqin, jew numru tar-reġistrazzjoni tal-karozza skadut, ma għandu jiġi pprovdut l-ebda tagħrif dwar is-sid jew id-detentur. Minflok, għandu jintbagħat lura l-messaġġ “Tagħrif mhux żvelat”.

↓ ġdid

➔ Kunsill

ANNEX III

MUDELL GĦALL-ITTRA TA' INFORMAZZJONI

imsemmija fl-Artikolu ➔ [...] ➔ 6 ➔

[Paġna ta' quddiem]

.....

[Isem, indirizz u numru tat-telefon ta' min qed jibgħat l-ittra]

.....

[Isem u indirizz tad-destinatarju]

ITTRA TA' INFORMAZZJONI

rigward in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq ➡ [...] Ⓞ ➡ li seħħ Ⓞ fi

[isem l-Istat Membru fejn
seħħ in-nuqqas ta' ħlas
tat-tariffa tat-triq]

Paġna 2

fil-nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq ➡ [...] Ⓞ mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni

[data]

numru marka mudell

għe osservat minn

[isem l-entità responsabbli]

[Għażla 1](¹)

Inti rreġistrat/a bħala d-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura msemmija hawn fuq.

[Għażla 2] (¹)

Id-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura msemmija hawn fuq indika li int kont qed issuq dik il-vettura meta seħħ in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq.

Id-dettalji rilevanti tan-nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq huma deskritti fil-paġna 3 hawn taħt.

L-ammont tal-penali finanzjarja dovut għan-nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq huwa EUR/munita nazzjonali.

➡ L-ammont tat-tariffa tat-triq li jrid jitħallas hu EUR/munita nazzjonali. Ⓞ

L-iskadenza għall-ħlas hi

Jekk ma tħallasx din il-penali finanzjarja, int imħeġġeġ timla l-formola tat-tweġiba mehmuża (paġna 4) u tibgħatha fl-indirizz indikat.

Din l-ittra għandha tiġi pproċessata skont il-liġi nazzjonali ta'

[isem l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq].

Dettalji rilevanti dwar in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq

(a) Data dwar il-vettura li ntużat meta seħħ in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq:

Numru tar-reġistrazzjoni:
Stat Membru tar-reġistrazzjoni:
Marka u mudell:

(b) Data dwar in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq:

Il-post, id-data u l-ħin fejn seħħ in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq:

.....
.....
.....
.....

In-Natura u l-klassifikazzjoni ġuridika tan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq

.....
.....
.....
.....

Deskrizzjoni dettaljata tan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq

.....
.....

Referenza għad-dispożizzjoni jew id-dispożizzjonijiet legali rilevanti:

.....
.....

Deskrizzjoni ta' jew referenza għall-evidenza dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq:

.....
.....

(c) Data dwar l-apparat li ntuża għad-ditezzjoni tan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq⁽²⁾:

Speċifikazzjoni tat-tagħmir:

.....
.....

Numru tal-identifikazzjoni tat-tagħmir:

.....
.....

Skadenza tal-aħħar kalibrazzjoni tat-tagħmir:

.....
.....

(2) Ħassar jekk mhux applikabbli.

(3) Mhux applikabbli jekk ma jkun intuża l-ebda tagħmir.

Paġna 4

Formola tat-tweġiba

(jekk jogħġbok imla l-formola b'ittri kapitali)

A. Identità tas-sewwieq:

— Isem sħiħ:

.....
.....

— Data u post tat-twelid:

.....

— Numru tal-liċenzja tas-sewqan:..... mogħtija (data):..... u fi
(post):.....

—

Indirizz:.....

.....
.....
.....
.....

B. Lista ta' mistoqsijiet:

1. Il-vettura, bin-numru , numru ta' reġistrazzjoni , irreġistrat f

ismek? iva/le (1)

Jekk le, id-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni huwa/hija:.....

(kunjom, isem, indirizz)

2. Tammetti li ma ħallastx tariffa tat-triq? iva/le (1)

3. Jekk dan ma tammettihx, jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet tiegħek:

.....
.....
.....

Jekk jogħġbok, ibgħat il-formola li mlejt fi żmien 60 jum mid-data ta' din l-ittra ta' informazzjoni lill-awtorità li ġejja:

fl-indirizz li ġejj:

INFORMAZZJONI

Dan il-każ ser jiġi eżaminat mill-awtorità kompetenti ta'

[isem l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kma sarx il-ħlas tat-tariffa tat-triq].

Jekk ma jingħatax segwitu għal dan il-każ, int tiġi infurmat/a fi żmien 60 jum mid-data tar-riċezzjoni tal-formola ta' tweġiba.

👤 Kunsill

👤 Kunsill



ANNEX V

Parti A

Direttiva mħassra bl-emendi tagħha
(imsemmija fl-Artikolu 13)

Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124
Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	ĠU L 87, 31.3.2009, p. 109

Parti B

limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali
(imsemmi fl-Artikolu 13)

Direttiva	Il-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
Direttiva 2004/52/KE:	20 ta' Novembru 2005

ANNEX VI

Tabella ta' Korrelazzjoni

Direttiva 2004/52/KE:	Din id-Direttiva
Artikolu 1(1)	L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1)
—	It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1)
Artikolu 1(2), il-kliem introdutturju	Artikolu 1(2), il-kliem introdutturju
Artikolu 1(2)(a)	Artikolu 1(2)(a)
Artikolu 1(2)(b)	—
Artikolu 1(2)(c)	Artikolu 1(2)(b)
—	Artikolu 1(2)(c)
Artikolu 1(3)	Artikolu 1(3)
—	Artikolu 2
Artikolu 2(1)	L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1)
—	It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1)
Artikolu 2(2) l-ewwel sentenza	—
—	Artikolu 3(2)
Artikolu 2(2), it-tieni u t-tielet sentenza	Artikolu 3(3)
Artikolu 2(2), ir-raba' sentenza	—
—	Artikolu 3(4)
—	Artikolu 3(5)
Artikolu 2(3)	—
Artikolu 2(4)	—
Artikolu 2(5)	—
Artikolu 2(6)	—

Artikolu 2(7)	Artikolu 3(6)
Artikolu 3(1)	—
Artiklu 3(2) l-ewwel sentenza	—
Artikolu 3(2), it-tieni sentenza	—
Artikolu 3(2), it-tielet sentenza	Artikolu 4(2)
Artikolu 3(3)	Artikolu 4(3)
Artikolu 3(4)	—
Artikolu 4(1)	Artikolu 4(1)
Artikolu 4(2)	—
Artikolu 4(3)	Artikolu 4(4)
Artikolu 4(4)	—
Artikolu 4(5)	—
Artikolu 4(6)	—
Artikolu 4(7)	Artikolu 4(5)
Artikolu 4(8)	Artikolu 4(6)
Artikolu 5	—
—	Artikolu 5
—	Artikolu 6
—	Artikolu 7
—	Artikolu 8
—	Artikolu 9
—	Artikolu 10
—	Artikolu 11

Artikolu 6	Artikolu 12(1)
—	Artikolu 12(2)
	Artikolu 13
Artikolu 7	Artikolu 14
Artikolu 8	Artikolu 15
Anness	☉ [...] ☽
—	Anness II
—	Anness III
—	Anness IV
—	Anness V
—	Anness VI
